**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT**
**DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**Cardenas Cantillo Jimena**

**Illum 15 ta' Mejju 2022**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Cardenas Cantollo Jimena**, imwielda ġewwa Malambo, Columbia, nhar is-27 ta' Marzu 1994, mingħajr indirizz fiss u detentriċi tal-passaport Kolombjan bin-numru AX535078, talli f'dawn il-Gżejjer, fit-13 ta' Mejju 2022 u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Żammet jew eżerċitat jew kellha sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(1) ta' Kap 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi kellha ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħalliet jew ippermettiet li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta ' laqgħa għal skop ta 'prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 9 ta 'Kap 63 tal-Liġijiet ta 'Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, ossia: (i) Fedina penali tal-imputata - Dok. "A" (ii) Rapport tal-Pulizija dwar il-każ - Dok. "B"; (iii) Fotokopja tal-passaport tal-imputata - Dok. "C"; u (iv) Stqarrija tal-imputata permezz tal-*audiovisual* - Dok. "D";

Rat illi l-imputata wieġbet li hija ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha, liema ammissjoni ta' ħtija ġiet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti avŻatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkonċedietilha żmien biżżejjed biex terġa' tikkonsidra t-tweġiba tagħha u terġa' lura minnha;

Semgħat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

L-imputata qed tiġi akkuzata talli f'dawn il-Gżejjer, fit-13 ta' Mejju 2022 u fil-ġimgħat u xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (1) żammet jew eżerċitat jew kellha sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokal ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(1) ta' Kap 63 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) u aktar talli fl-istess dati, lok, ħinijiet u ċirkostanzi kellha ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħalliet jew ippermettiet li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta 'laqgħa għal skop ta 'prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali u dan bi ksur ta 'l-Artikolu 9 ta 'Kap 63 tal-Liġijiet ta 'Malta.

L-imputata ammettiet għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet hekk dedotti kontriha.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputata irreġistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li għandha fedina penali Maltija netta.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat Artikoli 17 (h) u 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 8(1) u 9 tal-Kap.63 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputata ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagħha, tikkundannaha għall-perijodu ta' sitt (6) xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ammontanti għal ħamsin Euro (€50), izda billi Hija tal-fehma li f'dan il-kaz ħemm raġunijiet li jagħtu lok għas-sospensjoni tal-piena karċerarja hawn imposta, senjatament il-fatt li l-imputata irreġistrat ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li għandha fedina penali Maltija netta, a tenur ta' l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-

Liġijiet ta' Malta, tissospendi it-terminu ta' sitt (6) xhur priġunerija hawn impost għal erba' (4) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza.

A tenur ta' l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem ċar ir-responsabilità tagħha taħt l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

A tenur ta' l-Artikolu 11(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti avżat lill-imputata li jekk il-multa ta' €50 hawn imposta fuqha ma titħallasx tinbidel fi priġunerija bir-rata ta' ġurnata ħabs għal kull €35 jew parti minnhom.

**MAĠISRTAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**